# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 38**

**Rikors numru 180/20/1 AF**

**Francis Xavier Galea**

**v.**

**Avukat Ġenerali u fil-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2021, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju fejn għandu jaqra "Avukat tal-Istat" minflok "Avukat Ġenerali"**

1. Ir-rikorrent appella mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fis-7 ta' Diċembru, 2022, li laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Avukat tal-Istat, ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal rimedju għall-allegat ksur għal smigħ xieraq u bbaża l-ilment tiegħu fuq l-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

["Konvenzjoni"] u l-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["Kostituzzjoni"].

**Preliminari**

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum huma dawn:

2.1. Fil-5 ta' Settembru, 2008, waslet konsenja minn Dubai ta' 11-il pakkett indirizzata lir-rikorrent;

2.2. Il-kumpanija tal-burdnara Cargo Handling ħejjiet xi dokumenti għall-iskop ta' pproċessar tal-istess mid-Dwana. Dan għamlitu abbażi tal-informazzjoni fl-*airway bill*, ossija, li tali konsenja kienet tikkonsisti fi 11-il biċċa *DVDs* u *hi-fi*;

2.3. Fil-11 ta' Settembru, 2008, ir-rikorrent mar minn rajh ikellem uffiċjal fil-*cargo section* tad-Dwana, Frans Stellini, għaliex ried jesporta konsenja sigaretti lejn il-Libja. L-imsemmi uffiċjal xehed li r-rikorrent fl-istess ħin urieh *airway bill* dwar konsenja konsistenti f' *DVDs*, *hi-fi* u *telephones* li huwa kien irċieva minn barra. Għalhekk staqsieh għalfejn semma' s-sigaretti. Skont ma xehed Stellini, ir-rikorrent odjern qallu li kien iddeskriva l-konsenja b'dak il-mod fuq l-*airway bill* biex ma jinsterqux;

2.4. Sa frattant l-ispettur tad-Dwana Carmel Farrugia kellu struzzjonijiet sabiex imur jivverifika l-kontenut tal-pellets in kwistjoni għaliex id-Dwana kienet irċeviet *alert*. Meta fit-12 ta' Settembru, 2008, mar jagħmel tali spezzjoni, fuq il-post iltaqa' mar-rikorrent u ma' fizzjal ieħor, Mario Mifsud. Meta nfetħu l-*bundles* instab li għaxra mill-pellets kienu sigaretti. Il-pellet l-ieħor kien jikkonsisti f'merkanzija ta' *DVDs*, telephones u xi *vegetable slicers*;

2.5. L-uffiċjal tad-Dwana Carmel Farrugia xehed li kien għalhekk li ġibed l-attenzjoni tar-rikorrent għalfejn ma kienx iddikjara s-sigaretti fil-formoli tal-importazzjoni u r-rikorrent kien wieġbu li l-istess kienu għar-ri-esportazzjoni u beża' li jekk jiddikjarahom kienu se jinsterqu;

2.6. Fl-istess data (12 ta' Settembru, 2008) inqabdet l-istess konsejna u fil-21 ta' April, 2009, ħarġet in-Nota ta' Qbid relattiva (numru 52/2009);

2.7. Ir-rikorrent sostna li wara kienet ċemplitlu l-Ispettur biex jagħmel stqarrija u effettivament għamlitlu xi mistoqsijiet u wieġeb. Madanakollu, il-prosekuzzjoni ma ppreżentatx l-istqarrija u lanqas xehdet l-ispettur;

2.8. F'Mejju 2009 kemm il-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll il-Kummissarju tal-VAT talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu proċeduri kriminali f'isimhom kontra r-rikorrent bħala *importatur*:

2.8.1.1. Talli b'qerq għamel dikjarazzjoni falza bl-għan li jaħrab dazju tad-Dwana fuq l-importazzjoni ta' 36 kaxxa b'50 kartuna b' 200 sigarett kull kartuna *Rothmans Blue* u 14-il kaxxa b'50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna *Bon International Gold* b'valur totali ta' €23,782 li fuqhom kienu dovuti €54,760 dazju tas-sisa, €13,698.36 dazju tal-importazzjoni u €16,603.24 VAT; u

2.8.1.2. Talli xjentement ipprova jesporta l-imsemmija sigaretti bil-ħsieb li jevadi t-tħaris ta' kondizzjonijiet u restrizzjonijiet tad-Dwana dwar l-esportazzjoni;

2.9. F'Ġunju tal-2009 ir-rikorrent tħarrek mill-pulizja eżekuttiva hekk akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

2.10. Tul is-smigħ tal-proċeduri kontrih, ir-rikorrent kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu;

2.11. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati

tal-ewwel u t-tielet akkuża (importazzjoni ta' sigaretti mhux dikjarati) iżda mhux tat-tieni u tar-raba (esportazzjoni ta' sigaretti mhux dikjarati) u kkundannatu għal multa ta' €42,000 u sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin;

2.12. Minn dik is-sentenza appellaw kemm ir-rikorrent odjern (li talab li tiġi mħassra in kwantu għas-sejbien ta' ħtija u l-piena nflitta) u kif ukoll l-Avukat Ġenerali (li talab żieda fil-multa). Fl-appell tiegħu r-rikorrent tenna u saħaq illi għalkemm kien minnu li huwa *'ma ddikjarax il-kontenut tas-sigaretti, huwa għamel dan mal-wasla tiegħu f' Malta'* u *'kienet l-istqarrija volontarja tiegħu stess li wasslet għall-investigazzjoni u l-proċeduri odjerni'*. Argument li ġie mtenni fit-trattazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

2.13. B' sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju, 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza billi filwaqt li kkonfermataha in kwantu għas-sejbien ta' ħtija tal-ewwel u t-tielet akkuża u l-piena karċerarja sospiża, ħassritha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal multa ta' €42,000 u kkundannatu minflok għall-piena ta' €205,375.08, b' terz minnhom (€68,458.36) dejn ċivili.

3. Fit-3 ta' Settembru, 2020, ir-rikorrent fetaħ il-kawża u lmenta illi ma ngħatax smigħ xieraq għaliex:

3.1. **Ġie mċaħħad mid-dritt għall-assistenza legali** – dan għaliex fil-5 ta' Settembru, 2008, meta huwa rrilaxxja dikjarazzjonijiet inkriminanti lill-Uffiċjali tad-Dwana huwa ma kienx assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu *stante* l-fatt illi dak iż-żmien il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali fil-kors tal-investigazzjoni;

3.2. **Il-Prassi fil-Qorti tal-Appell Kriminali hija li l-funzjoni tagħha hija waħda reviżorja** – f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jilmenta mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, prassi li fil-fehma tar-rikorrenti hija waħda li ma toħroġx mil-liġi iżda mill-ġurisprudenza u li essenzjalment hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu għaliex b'hekk ġie mċaħħad mill-opportunità li l-Qorti terġa' teżamina l-fatti qabel ma tikkonferma, tbiddel jew tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti;

3.3. **Il-Piena hi sproporzjonata** – ir-rikorrenti jgħid illi li kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet eżaminat il-fatti tal-każ u għamlet apprezzament korrett ta' dak li rriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali tad-Dwana, il-piena ma kinitx tinkludi wkoll il-multa.

4. Talab għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) sabiex:

*"1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi."*

5. Permezz ta' risposta preżentata fit-30 ta' Settembru, 2020, l-Avukat tal-Istat wieġeb illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda billi nfondati fil-fatt u fid-dritt. In kwantu għall-ewwel ilment sostanzjalment wieġeb li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-investigazzjoni m'huwiex suffiċjenti sabiex jinstab li kien hemm leżjoni tad-dritt għal-smigħ xieraq u fl-eżerċizzju tagħha sabiex tara seħħitx leżjoni, il-Qorti trid tqis il-proċess kriminali fit-totalità tiegħu. Kwantu għat-tieni u t-tielet ilmenti, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li dawn huma abbuż minn din il-proċedura straordinarja u li l-Qorti Kostituzzjonali m'għandiex isservi ta' Qorti tat-tielet grad li tirrevedi l-proċess kriminali.

6. B' sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2022 ("is-sentenza appellata) l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha kif sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat;*

*2. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.*

*L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti."*

7. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-Qorti tal-ewwel grad ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq s-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ħlief għall-atti allegati, fl-atti ta' din il-kawża ma tressqu ebda provi la minn parti u lanqas minn oħra.*

*Mill-inkartament proċesswali relattiv għall-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrenti jidher illi wara l-wasla tal-merkanzija f'Malta ir-rikorrenti mar fl-uffiċini tad-Dwana ġewwa Ħal-Luqa fejn tkellem ma' uffiċjal tad-Dwana, wrieh l-airway bill u fissirlu li ried jesporta dik il-merkanzija lejn il-Libja. Jirriżulta illi minnufih malli r-rikorrenti ġie kkonfrontat bil-fatt illi d-deskrizzjoni fuq l-airway bill ma kienitx veritjiera, huwa ammetta li kien iddikjara l-falz għaliex beża li l-merkanzija senjatament is-sigaretti setgħu jinsterqu. Jirriżulta wkoll illi kienu l-uffiċjali tad-Dwana li wettqu l-investigazzjoni dwar fiex sewwa sew kienet tikkonsisti l-merkanzija u kienu l-istess uffiċjali tad-Dwana li tkellmu mar-rikorrenti. Sa dan il-punt il-Pulizija Eżekuttiva kienet għada ma ġietx involuta fil-proċess. Jidher fil-fatt illi l-Pulizija Eżekuttiva ġiet involuta wara li l-uffiċjali tad-Dwana ħarġu letter to prosecute abbażi ta' liema l-Pulizija ħarġet l-akkużi u ressqet lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Fil-kors tal-proċess ġudizzjarju fil-konfront tiegħu, senjatament fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2015 minn rajh l-imputat, illum rikorrenti, għażel illi jieħu l-pedana tax-xhieda fejn xehed in extenso u ċaħad li kien personalment responsabbli għar-reati lilu addebitati.*

*Minn qari tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Diċembru 2016 jirriżulta illi dik il-Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq dak illi rriżulta lilha mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni fosthom ix-xhieda li taw l-uffiċjali tad-Dwana u d-dokumentazzjoni esebita. Jidher ukoll illi l-Qorti għażlet li tiskarta t-teżi tad-difiża u dak illi xehed l-imputat.*

*Kemm l-imputat u kif ukoll l-Avukat Ġenerali appellaw mis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2016. Fl-isteżura tad-deċiżjoni tagħha il-Qorti tal-Appell Kriminali trattat l-aggravji kollha wieħed wieħed u fid-dettal u t-tul li kull aggravju kien jistħoqqlu.*

*...*

*Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-każ ikkonkludiet illi s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti "hija wahda legalment u ragjonevolment korretta" u li għalhekk ma kienx hemm lok li din id-deċiżjoni tiġi disturbata. Il-Qorti żiedet tgħid illi 'Fil-każ in dizamina in–nuqqas kien jikkonċerna s-sigaretti u xejn ma jimporta jekk kienux għar-riesportazzjoni fl-liema każ kienu ikunu eżenti mid-dazji, li l-imputat, **kif jirriżulta wisq ċar, konsapevolment u volutament naqas li jiddikjara**.' (**sottolinear da' din il-Qorti**).*

*Għal dak illi jirrigwarda t-tieni lment u cioè il-piena erogata mill-ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat illi l-ewwel Qorti kienet waslet għall-multa li ġiet imposta abbażi tal-valur li kien dikjarat fuq in-nota ta' qbid liema nota qatt ma kienet ġiet ikkontestata. Għalhekk, l-appell ġie miċħud.*

*L-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq il-garanziji li joffri l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ...*

*Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ...*

*Waqt illi tirribadixxi l-prinċipji ta' dritt appena enuċjati, din il-Qorti tagħmilha ċara illi mhijiex ser tassumi r-rwol ta' Qorti tat-tielet grad. Anki jekk ir-rikorrenti jinsab kontrarjat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, is-setgha ta' din il-Qorti bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali hija tabilħaqq ċirkoskritta sabiex tinvestiga seħħitx il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali allegata minnu. Kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra teżorbita r-rwol ta' din il-Qorti kif adita.*

*Determinata l-funzjoni ta' din il-Qorti, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina funditus il-garanziji li joffru l-Artikolu 6 u kif dawn ġew imħaddma fil-każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum.*

*...*

*Fil-mertu, mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti qatt ma rrilaxxja stqarrija. Jidher għalhekk illi l-ilment tar-rikorrenti huwa ċirkoskritt għad-dikjrazzjonijiet li huwa rrilaxxja fil-mument meta tkellem mal-uffiċjali tad-Dwana fejn jidher li waqt illi ma kellux assistenza legali għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Tajjeb jingħad illi l-ġurisprudenza li fuqha jakkampa r-rikorrenti in sostenn tat-teżi tiegħu, hija ġurisprudenza li tirreferi għal ċirkostanzi fejn l-imputat ikun irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva u dik l-istqarrija tiġi eventwalment esebita bħala parti integrali mill-proċess kriminali u mill-provi tal-Prosekuzzjoni. F'dan il-każ x'intqal bil-preċiż mir-rikorrenti ma jista' qatt ikun magħruf għaliex stqarrija jew dikjarazzjonijiet bil-miktub qatt ma ttieħdu. Biss, ir-rikorrenti jilmenta illi fil-kors tax-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni għamlet referenza għad-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati u jgħid għalhekk illi dan il-fattur influwixxa fuq il-bqija tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.*

*Jibda biex jingħad illi fil-5 ta' Settembru 2008 il-liġi ta' Malta kienet għada tipprekludi l-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Anki jekk f'dan il-każ ma seħħ ebda nterrogatorju mill-Pulizija, ir-rikorrenti qiegħed jippretendi li kellu jkun legalment assistit fil-mument meta ġie mitkellem mill-uffiċjali tad-Dwana.*

*Il-jedd għall-assistenza legali ġie ntrodott bis-saħħa tal-Att III tal-2002 li ntroduċa l-Artikolu 355AT. Kien eventwalment bis-saħħa tal-Att LI tal-2016 li ġie ntrodott fil-Kodiċi Kriminali d-dritt għall-assistenza legali kif maħsub fid-direttiva 2013/48/EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016 permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Għalhekk, illum il-ġurnata l-artikolu 355AT tal-Kap. 9 jistipula, inter alia, li l-persuna suspettata jew arrestata għandu jkollha 'dritt ta' aċċess għal avukat' u allura dan ifisser li llum, il-persuna suspettata jew arrestata għandha d-dritt għal avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija. Fl-istess*

*waqt dan ifisser ukoll illi fil-każ tar-rikorrenti, fiż-żmien inkriminat, il-liġi kienet tipprekludi l-jedd għall-assistenza legali fl-istadju tal-investigazzjoni (pre-trial proceedings).*

*Il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta u tal-Qorti Ewropea rigward id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija u ċioè fil-pre-trial stage hija vasta u wieħed jista' jgħid ukoll xi ftit jew wisq konfliġġenti fid-dawl tal-fatt illi l-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea dwar dan is-suġġett inbidlet tul is-snin.*

*...*

*… Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-kaz ta' Beuze v. il-Belgju, biex tippreciza aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-kaz ta' Beuze, bħal fil-kaz tallum, il-ligi domestika fiz-zmien relevanti ma kienitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u ma kien hemm ebda raguni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:*

> *...*
>
> *»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):»*
>
> *whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
>
> *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
>
> *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
>
> *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
>
> *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
>
> *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

> *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
>
> *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
>
> *(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
>
> *(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«*

*Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raguni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-kaz ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*...*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħazin u huwa miċħud."*

*Dan il-prinċipju huwa dak segwit fl-aktar ġurisprudenza riċenti kemm tal-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Kif proprju intqal fil-każ ta' Charles Kenneth Stephens v Malta, tal-14 ta' Jannar 2020:*

> *"72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, isegwi li l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex irrilaxxja dikjarazzjonijiet mingħajr ma kellu dritt*

*għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat. Kif sewwa jissottometti l-Avukat tal-Istat, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.*

*Ir-rikorrenti jilmenta ulterjorment mill-fatt illi d-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati mingħajr l-assistenza tal-avukat tiegħu intużaw waqt li hu kien qiegħed jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jgħid ukoll illi l-użu ta' tali dikjarazzjonijiet tappan u kkondizzjona l-bqija tal-proċeduri.*

*Għal dak illi jirrigwarda l-valur probatorju u l-ammissibliltà tal-istqarrija u/jew id-dikjarazzjonijiet rilaxxjati mill-imputat li ma jkunx ġie konċess il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, il-Qorti studjat bir-reqqa is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fit-12 t'April 2022 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Jean Marc Portanier*** *liema sentenza tiġbor fiha rassenja eżawrjenti u studjata tal-każistika l-aktar rilevanti, każistika li del resto anki l-partijiet jagħmlu referenza għaliha fin-noti rispettivi tagħhom. F'din is-sentenza l-Qorti osservat illi meta rrilaxxja l-istarrija tiegħu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet li setgħu ikunu ta' preġudizzju għalih u għalhekk ikkonkludiet illi sabiex jiġi evitat kull riskju ta' ksur ta drittijiet fundamentali tal-imputat, il-Qorti kella tiskarta l-istqarrija kif ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li jagħmel referenza għal dikjarazzjonijiet li l-imputat seta' għamel qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu.*

*Fil-każ ta' llum jirriżulta li l-imputat, illum rikorrenti, għażel minn jeddu li jieħu l-pedana tax-xhieda u fil-kors tax-xhieda tiegħu ċaħad li kien ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti għaliex qal li kien qiegħed jaġixxi fuq struzzjonijiet ta' terz. Inoltre, l-imputat xehed li d-dikjarazzjoni ma kienitx veritjiera għar-raġuni li beża li jekk jiddikjara verament fiex kienet tikkonsisti l-merkanzija din setgħet tinsteraq mill-uffiċjali tad-Dwana f'Malta. Mill-motivazzjonijiet illi tat l-Ewwel Qorti u aktar u aktar minn dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali jidher evidenti li kemm l-Ewwel kif ukoll it-Tieni Qorti għażlu li jiskartaw il-verżjoni mogħtija mill-imputat għaliex abbażi ta' provi ulterjuri li l-Prosekuzzjoni ressqet quddiemhom, il-Qrati raw li l-verità kienet ferm differenti minn dik kif deskritta mill-imputat. Din il-Qorti m'għandiex dubju illi d-dikjarazzjonijiet li seta' rrilaxxja l-imputat mingħajr assistenza legali ma kellhom ebda mpatt fis-sejbien ta' ħtija għaliex il-Qrati li sabu ħtija fl-imputat kienu konfortati minn provi aktar attendibbli li żvelaw sewwa sew il-fatti tal-każ u l-ħtija fl-imputat għal dak illi jirrigwarda ksur ta' liġijiet doganali u ta' taxxa. Il-Qorti tqis ukoll illi ġa la darba r-rikorrenti għażel illi jixhed fil-kors ta' dawk il-proċeduri huwa kellu l-jedd li jikkonferma, jirretratta jew addirittura jamplifika fuq id-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati. Bil-fatt li r-rikorrenti xehed fil-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, il-Qorti kellha opportunita' aħjar li tagħmel eżerċizzju komparattiv bejn dawk id-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxjati a tempo vergine u dak illi xehed fil-kors tal-proċeduri biex b'hekk tagħraf tgħarbel liema verżjoni kellha l-aktar mis-sewwa.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat kien debitament assistit matul il-proċess penali kollu b'tant illi kellu l-opportunità li jressaq id-difiża tiegħu u li jirribatti l-provi li l-Prosekuzzjoni ressqet kontra tiegħu. Il-Qorti tqis għalhekk illi anki jekk huwa minnu li l-attur ma kienx legalment assistit fil-mument meta rrilaxxja d-dikjarazzjonijiet tiegħu, l-assitenza li rċieva wara kienet sufficjenti sabiex jiddefendi ruħu adegwatament. Fuq kollox, il-fatt li l-attur għażel li jixhed f'dawk il-proċeduri hija prova oħra li l-attur kellu kull opportunità li jfisser aħjar jew addirittura li jirretratta dawk id-dikjarazzjonijiet li rrilaxxja fl-istadju bikri tal-proċeduri kontra tiegħu. Eżaminati l-atti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti ma tarax li seħħet leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif imħarsa bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Ir-rikorrenti jilmenta wkoll minn leżjoni tad-dritt tiegħu kif imħares permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni liema disposizzjonijiet jittrattaw il-protezzjoni minn piena jew trattament inuman jew degradanti. Waqt illi r-rikorrenti qanqal dan l-ilment fir-rikors promotur, huwa naqas milli jittratta dan l-ilment fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Il-Qorti tifhem illi dan l-ilment jirreferi għall-piena ta' multa kif erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalkemm ir-rikorrenti jilmenta li l-Qorti kellha tagħmel apprezzament aħjar tal-provi qabel tasal għad-determinazzjoni tal-multa, fl-istess waqt jirrikonoxxi li l-piena mposta hija fil-parametri tal-liġi.*

*Fil-Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights – Prohibition of Torture (l-ewwel edizzjoni – 31 ta' Awwissu 2022) jinsab imfisser illi l-iskop tal-Artikolu 3 huwa dak li tiġi offruta garanzija kontra trattament inuman, maħsub li jkun degradanti għall-persuna li tiġi assoġġettata għal dak it-trattament. Ma jidhirx għalhekk illi din id-disposizzjoni tista' ssib applikazzjoni f'każ fejn sempliċement ir-rikorrenti ma jaqbilx mal-piena erogata.*

*Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni tal-piena diġà ġiet debitament trattata mill-Qorti tal-Appell Kriminali wara li l-imputat appella u ressaq aggarvji għar-rigward il-piena, liema aggravji huma identiċi għall-ilmenti li llum ressaq quddiem din il-Qorti. Kif diġà ingħad, żgur illi mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti kif adita illi sservi ta' qorti ta' reviżjoni.*

*Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma ssibx li seħħet leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni."*

8. Ir-rikorrent appella b'rikors ippreżentat fis-27 ta' Diċembru, 2022 u talab lil din il-Qorti <u>tirrevoka</u> s-sentenza appellata u minflok:

*"tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat u tilqa' t-talbiet kollha tal-appellanti kif dedotti minnu fir-rikors promutur tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appellat."*

9. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fit-12 ta' Jannar, 2023, l-Avukat tal-Istat wieġeb illi l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**L-Aggravji**

10. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent qal li ma jaqbilx mal-apprezzament u konsiderazzjonijiet dwar il-fatti kif ukoll l-applikazzjoni tal-liġi magħmula mill-Ewwel Qorti għaliex:

> *"1) Illi dak dikjarat mill-Ewwel Qorti fis-sens illi r-rikorrent kien legalment assistit matul il-proċess penali tant li kellu l-opportunità li jressaq id-difiża tiegħu u li jirribatti l-provi li l-Prosekuzzjoni ressqet kontra tiegħu, mhix raġuni suffiċjenti biex ma jinstabx ksur taħt l-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-art 6 tal-Konvenzjoni.*
>
> *2) Rigward il-fatt illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qieset provi oħra biex wasslet għad-deċiżjoni tagħha ta' ħtija u illi l-istqarrija ma kellha l-ebda impatt fis-sejbien tal-ħtija, peress li ġew meqjusa ukoll provi oħra, u illi l-imputat ngħata kull opportunità li jressaq il-provi li ried, l-appellant ukoll ma jaqbilx li għal dawn ir-raġunijiet ma jfissirx li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq;*
>
> *3) Dwar l-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-fatt illi l-appellant xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri il-Qorti kellha opprtunità aħjar li tagħmel eżerċizzju komparattiv bejn dak li xehed u d-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxati a tempo vergine;*
>
> *4) L-appellant qatt ma ilmenta minn leżjoni tad-dritt tiegħu kif imħares permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni."*

**Konsiderazzjonijiet**

11. Fil-kawża kriminali tressqu dawn il-provi: fedina penali tar-rikorrent, ċertifikat ta' twelid tar-rikorrent; ix-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia li

kienet limitata biss għall-preżentata tal-*letters to prosecute* li hija rċeviet mingħand il-Kummissarju tal-VAT u l-Kontrollur tad-Dwana; xhieda in eżami, kontroeżami u rieżami ta' Frans Stellini – uffiċjal fil-*cargo section* tad-Dwana; kopja tan-Nota ta' Qbid; xhieda in eżami ta' Godwin Scerri – manager tal-kumpanija addetta mill-*cargo handling*, li eżebixxa manifest tal-ajruplan (Dok GS1 u Dok GS2) u nota ta' wasla tax-xogħol (Dok GS 3); xhieda in eżami u kontroeżami ta' Carmel Farrugia, spettur fl-*enforcement unit* tad-Dwana li eżebixxa l-*airway bill* in kwistjoni; u x-xhieda minn jeddu tar-rikorrent fejn eżebixxa *Transhipment Shipping Bill* (Dok FXG);

12. Meta xehed fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2015, ir-rikorrent (dak iż-żmien imputat) kien debitament assistit. Minn jeddu *inter alia* kkonferma li:

(i) meta l-konsenja telqet minn Dubai kien jaf li kien fiha sigaretti li ġew dikjarati bħala *DVDs*, *hi-fi* u *telephones*;

(ii) meta jumejn wara l-konsenja waslet Malta, mar hu stess ikellem uffiċjal fil-*cargo section* tad-Dwana u qallu li fil-fatt il-konsenja kienet sigaretti u li ried jesportaha lejn il-Libja;

(iii) għalhekk kien ġie ggwidat jimla' *Transshipment Shipping Bill*;

(iv) wara li telaq ċemplulu mid-Dwana sabiex jinfurmawh li l-għada filgħodu kienu se jiċċekkjaw il-konsenja biex ikun preżenti;

(v) meta l-għada saret l-ispezzjoni u nstabu s-sigaretti, l-uffiċjali tad-Dwana nfurmawh li kienu sejrin jikkonfiskawhom;

(vi) hu wieġeb li tal-Cargo ta' Dubai *"kellhom javżawkhom illi dawn huma sigaretti"*.

13. Ir-rikorrent ma nstabx ħati a bażi ta' xi stqarrija bil-miktub li ta lill-pulizija jew xi awtorità oħra. Fl-atti tal-proċeduri kriminali m'hemmx stqarrija ffirmata mir-rikorrent, u ħadd ma xehed dwar xi stqarrija f'dak is-sens.

14. Ir-rikorrent jilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq *inter alia* għaliex ma ngħatax assistenza legali meta għamel dikjarazzjonijiet lill-uffiċjali tal-Cargo section tad-Dwana (Frans Stellini) u lill-Ispettur Doganali (Carmel Farrugia). Jilmenta li meta mbagħad xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *"saret referenza għal dikjarazzjonijiet minnu magħmula waqt li kien mitkellem mill-Uffiċjali tad-Dwana u għalhekk l-istess dikjarazzjonijiet*

*meħuda b'mod leżiv ikkundizzjonaw ukoll l-andament u l-prosegwiment tax-xhieda ġuramentata tiegħu tul it-totalità tal-proċeduri kriminali".*

15. L-Ewwel Qorti, wara li eżaminat il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-qrati lokali dwar l-assistenza minn avukat fil-*pre-trial stage*, ikkonkludiet li l-argument tar-rikorrent hu żbaljat. Iddikjarat ukoll bħala infondata l-allegazzjoni li dawk id-dikjarazzjonijiet tappnu u kkondizzjonaw il-bqija tal-proċeduri. Dan sostanzjalment għaliex:

(i) ir-rikorrent għażel minn jeddu li jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'dan illi dik il-Qorti kellha opportunità aħjar tagħmel eżerċizzju komparattiv ma' dak dikjarat minnu *a tempo vergine*;

(ii) is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienu bbażati fuq provi ulterjuri ppreżentati mill-prosekuzzjoni u mhux fuq dak dikjarat mir-rikorrent; u

(iii) ir-rikorrent kien legalment assistit matul il-proċess penali u kellu l-opportunità li jressaq id-difiża tiegħu u jirribatti l-provi tal-Prosekuzzjoni.

16. Dak ir-raġunament hu bażikament il-meritu tat-tliet aggravji tar-rikorrenti:

16.1. L-ewwel aggravju –

*"Illi dak dikjarat mill-Ewwel Qorti, fis-sens illi r-rikorrent kien legalment assistit matul il-proċess penali tant li kellu l-opportunità li jressaq id-difiża tiegħu u li jirribatti l-provi li l-Prosekuzzjoni ressqet kontra tiegħu, mhix raġuni sufficjenti biex ma jinstabx ksur taħt l-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-art 6 tal-Konvenzjoni."*

Isostni hawn illi:

*"... huwa ben risaput illi l-ġurisprudenza nostrana għaddiet minn perjodu fejn ingħataw deċiżjonijiet kontrastanti jekk mhux ukoll dijametrikament opposti fuq il-kwistjoni tat-teħid tal-istqarrija. Illi madanakollu jidher li llum il-ġurnata s-sentenzi tal-Qrati tagħna qed jikkonverġu illi lil hinn mill-fatt jekk it-teħid tal-istqarrija jikkostitwix leżjoni ta' dritt ta' smigħ xieraq protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, madanakollu l-Qrati qed jaqblu illi l-istqarrija fiha nnifisha, meħuda mingħajr l-assistenza ta' avukat m' għandiex titqies għall-finijiet ta' determinazzjoni ta' ħtija fil-proċess kriminali."*

16.2. It-tieni aggravju –

*"Rigward il-fatt illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qieset provi oħra biex wasslet għad-deċiżjoni tagħha ta' ħtija u illi l-istqarrija ma kellha l-ebda impatt fis-sejbien tal-ħtija, peress li ġew meqjusa ukoll provi oħra, u illi l-imputat ngħata kull opportunità li jressaq il-provi li ried, l-appellant ukoll ma jaqbilx li għal dawn ir-raġunijiet ma jfissirx li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq."*

Isostni hawn illi dan l-argument huwa konfliġġenti ma dak deċiż minn din il-Qorti fil-każ ta' Brian Vella v. L-Avukat Ġenerali (14.12.2018) fejn kienet tħassret is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kontra Vella u l-Qorti ordnat li l-proċess kriminali jibda mill-ġdid wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tiegħu. Jisħaq li għalhekk is-sentenza appellata tmur kontra l-

prinċipju taċ-ċertezza legali. Iżid ukoll li filwaqt li huwa minnu li kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik tal-QEDB, jekk wieħed kellu jieħu in konsiderazzjoni l-aħħar żviluppi fil-ġurisprudenza (bħal Beuze v. Belgium), il-konklużjoni tkun li *"l-istqarrijiet xorta għandhom jiġu skartati*"; u

16.3. It-tielet aggravju –

> *"Dwar l-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-fatt illi l-appellant xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri il-Qorti kellha opprtunità aħjar li tagħmel eżerċizzju komparattiv bejn dak li xehed u d-dikjarazzjonijiet minnu rilaxxati a tempo vergine;"*

17. Il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji f'daqqa peress li huma konnessi.

18. In linea ġurisprudenzjali hu fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat għandha jedd li ma tinkriminax lilha nnifisha. Għalhekk, in-nuqqas ta' dritt għal assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija huwa meqjus difett proċedurali. Madankollu dak il-fatt waħdu ma jwassalx bilfors għal deċiżjoni li seħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.[1] Il-proċess kriminali jrid jitqies fit-totalità tiegħu "*having regard to the development of the proceedings as a whole*".[2]

[1] Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta' Novembru, 2018 u Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta' Ottubru, 2020

[2] Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2019; Roderick Castillo v. Avukat Ġenerali deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2020

19. Il-provi juru li kien ir-rikorrent li bagħat konsenja sigaretti minn Dubai għal Malta dikjarata bħala *DVDs* u *hi-fi equipment*. Mal-wasla tal-merkanzija f'Malta huwa stess, b'mod volontarju u spontanju, mar jgħid lill-uffiċjali tad-Dwana li l-konsenja kienet sigaretti li ried jibgħat il-Libja. Verament li l-uffiċjal tad-Dwana staqsih xi domandi oħra. Però d-dikjarazzjoni li l-merkanzija kienet sigaretti u mhux *DVDs* u *hi-fi equipment* għamilha r-rikorrent minn jeddu mingħajr ħadd ma staqsih. Kien hu li mar id-Dwana u ta t-tagħrif lill-uffiċjal tad-Dwana (Frans Stellini). Ma jistax issa jipprova jġib fix-xejn dak li stqarr minn jeddu mingħajr ħadd ma staqsih billi jipponta subgħajh lejn l-uffiċjali tad-Dwana li ma tawhx l-opportunità li jkun assisti minn avukat.

20. Meta saret it-tfittxija tal-konsenja mill-uffiċjali tad-Dwana fil-preżenza tar-rikorrent, u dawn sabu li għaxar *pellets* minn ħdax kienu effettivament sigaretti, ir-rikorrent tennielhom li kien iddikjarhom bħala *DVDs* biss għaliex beża' li jekk jiddikjarahom bħala sigaretti kienu se jinsterqu. Però f'dak l-istadju kien diġà ddikjara minn jeddu li l-merkanzija kienet sigaretti u mhux kif dikjarat fid-dokumentazzjoni relattiva.

21. Saħansitra l-uffiċjali tad-Dwana nfurmaw bit-*telefon* lir-rikorrent li kienet se ssir spezzjona tal-merkanzija minn ġurnata qabel. Ħadd ma waqqfu milli jieħu parir legali qabel ma mar u lanqas ma jirriżulta li ġie prekluż jew b' xi mod imwaqqaf milli jattendi għat-tfittxija assistit minn

avukat. Ir-rikorrent kien jaf x'iddikjara fil-formoli tal-importazzjoni u meta mar għat-tfittxija kien jaf x'se jinstab meta jinfetħu l-*pellets*.

*22.* Dan allura mhux każ ta' persuna li għamlet xi dikjarazzjoni nkriminanti għaliex inqabdet fuq sieq waħda u b'hekk kienet fi stat ta' vulnerabbilità.

23. Matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali r-rikorrent kien assistit minn avukat matul il-proċess kollu. Fl-ebda stadju ma lmenta dwar dak li kien qal lill-uffiċjali tad-Dwana. Anzi tela' jixhed minn jeddu u tenna li kien ta' informazzjoni skorretta fil-formoli tal-importazzjoni sabiex is-sigaretti ma jinsterqux. Fl-ebda ħin ma kkontesta dak li qal lill-uffiċjali tad-Dwana. Saħansitra, fir-rikors tal-appell li ppreżenta fil-Qorti tal-Appell Kriminali qal:

> *"illi l-esponent ġab il-merkanzija f'Malta fuq titjira EK107 tal-kumpannija Emirates. Appena wasal Malta huwa ta l-bidu għall-proċeduri saabiex dik merkakanzija tintbagħat fil-Libja u kien f'dan l-istadju li huwa ddikjara li l-oġġetti in kwistjoni ma kinux kollha Hi Fi u DVDs imma wkoll sigaretti.* ***Dan kollu sar qabel ġie mitkellem mill-uffiċjali tad-Dwana u liberalment minn jeddu****"*.

24. Id-dritt ta' persuna suspettata għal assistenza legali, impliċitu fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, hu ntiż li jiggarantixxi li persuna suspettata / akkużata ma tiġix indotta jew imġegħla tinkrimina lilha nnifisha. F'dan il-każ kien ir-rikorrent li minn jeddu għażel li jinkrimina lilu nnifsu meta minn jeddu mar jgħid lid-Dwana x'kien għamel.

25. Apparti li m'hemm l-ebda prova li l-appellant hu persuna vulnerabbli, waqt il-proċess kriminali kieku ried kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità tal-provi li tressqu, u jikkontesta wkoll l-attendibbilità tal-provi billi jittieħed in konsiderazzjoni ċirkostanzi bħala pressjoni li tkun eżerċitata fuq il-persuna suspettata. Inoltre, fl-ebda ħin waqt ix-xhieda ma rtira dak li qal lill-uffiċjali tad-Dwana.

26. Ir-rikorrent ippretenda li ma jinstabx ħati għaliex kien għamel hekk biss sabiex is-sigaretti ma jinsterqux. In sostenn tal-*buona fede* saħaq ripetutament illi malli l-konsenja waslet Malta kien hu stess li mar jgħid lill-uffiċjali tad-Dwana li l-konsenja kienet *in gran parte* tikkonsisti f'sigaretti. Argument li tenna ukoll fl-appell tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali. Materja li tiddeċiedi dwarha l-Qorti li qiegħda tisma' u tiddeċiedi l-kawża kriminali.

27. Għaldaqstant tiċħad l-ewwel tliet aggravji.

28. Ir-raba' aggravju tar-rikorrent huwa:

> *"L-appellant qatt ma ilmenta minn leżjoni tad-dritt tiegħu kif imħares permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni."*

29. Dan l-aggravju huwa ukoll wieħed fieragħ u jagħti lill-Qorti x'tifhem li r-rikorrent u l-avukat tiegħu lanqas jafu x'jingħad fir-rikors promotur li ppreżentaw.

30. Billi l-appell mhu xejn għajr abbuż sfaċċat tal-proċess ġudizzjarju, il-Qorti ser tikkundanna lill-appellant iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji għal darbtejn.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant. Billi tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lill-appellant iħallas l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da